# Iċ-Ċifri tal-Finanzi tal-Gvern: Jannar-Settembru tal-2023

NR190/2023 Data tal-Ħruġ: 27 ta' Ottubru 2023

*Fi tmiem Settembru 2023, il-Fond Konsolidat tal-Gvern irreġistra defiċit ta' €52.0 miljun.*



Bejn Jannar u Settembru 2023, id-Dħul Rikorrenti ammonta għal €4,742.6 miljun, €670.0 miljun ogħla minn dak li kien irrappurtat sena qabel. L-akbar żidiet kienu rreġistrati fit-Taxxa tad-Dħul (€411.1-il miljun), fis-Sigurtà Soċjali (€80.0 miljun) u fl-Għotjiet (€77.2 miljun). Min-naħa l-oħra, it-tnaqqisiet ewlenin fid-dħul kienu rrappurtati mill-Bank Ċentrali ta' Malta (€22.2 miljun) u mid-Dħul Mixxellanju (€17.3-il miljun).

Fi tmiem Settembru 2023, in-nefqa totali laħqet l-€4,794.6 miljun, li hija €219.1-il miljun aktar mis-sena ta' qabel.

Fiż-żmien ta' riferenza, in-Nefqa Rikorrenti kienet ta' €4,158.3 miljun, li hija żieda ta' €144.3 miljun meta mqabbla mal-€4,014.0-il miljun li kienet irrappurtata fl-aħħar ta' Settembru 2022. Iż-żieda ta' €55.6 miljun fil-Kontribuzzjonijiet lill-Entitajiet tal-Gvern kellha l-akbar impatt fuq din iż-żieda fin-Nefqa Rikorrenti. Kien hemm kontribuzzjonijiet ogħla, fost oħrajn, għall-Awtorità Maltija għat-Turiżmu (€10.9 miljuni), għas-Servizzi tas-Saħħa Mentali (€8.6 miljuni) u għar-Resource Support and Services Ltd (€6.8 miljuni). Aktar żidiet kienu rreġistrati fl-Ispiża tal-Operat (€47.0 miljun), fis-Salarji u Pagi (€39.3 miljun) u fil-Programmi u Inizjattivi (€2.4 miljuni) .

L-iżviluppi ewliena fil-kategorija tal-Programmi u Inizjattivi kienu nefqiet ogħla għall-Benefiċċji tas-Sigurtà Soċjali (€77.2 miljun), għall-Mediċini u materjali kirurġiċi (€28.7 miljun) u għall-miżuri ta' għajnuna għall-Enerġija (€21.3 miljun). Iż-żieda fl-infiq kienet parzjalment ibbilanċjata minn tnaqqis fin-nefqa fuq l-iskemi ta' għajnuna tal-Pandemija (€107.5 miljuni) u fuq il-ħlasijiet għall-Istimolu tal-Ekonomija (€47.7 miljun).

Il-parti tal-imgħax tal-ispejjeż tal-manutenzjoni tad-dejn pubbliku laħqet b'kollox €154.2 miljun, żieda ta' €28.0 miljun meta mqabbla mas-sena ta' qabel.

Bejn Jannar u Settembru 2023, in-nefqa kapitali tal-Gvern ammontat għall-€482.1 miljun, li hija €46.8 miljun aktar meta mqabbla mal-istess perjodu fl-2022. Din iż-żieda kienet ġejja minn nefqiet akbar fuq l-inizjattiva REPowerEU (€20.0 miljun), fuq il-Proprjetà, Impjant u Tagħmir (€18.9-il miljun) u fuq is-Sistemi tal-Immaniġġjar tal-Identità Nazzjonali (€6.6 miljuni).

Id-differenza bejn id-dħul u l-infiq totali wriet defiċit ta' €52.0 miljun fil-Fond Konsolidat tal-Gvern fi tmiem Settembru 2023. Meta mqabbel mal-istess perjodu fl-2022, kien hemm tnaqqis ta' €450.8 miljun fid-defiċit. Din id-differenza tirrifletti żidiet kemm fid-Dħul Rikorrenti totali (€670.0 miljun) kif ukoll fin-nefqa totali, li kienet magħmula min-Nefqa Rikorrenti (€144.3 miljun), mill-Imgħax (€28.0 miljun) u min-Nefqa Kapitali (€46.8 miljun) (Tabella nru 1).

Fl-aħħar ta' Settembru 2023, id-dejn tal-Gvern Ċentrali laħaq id-€9,358.9 miljun, żieda ta' €842.3 miljun meta mqabbel mal-2022. Iż-żieda rreġistrata fl-Istokks tal-Gvern ta' Malta (€1,352.5 miljun) kienet il-kontribut ewlieni għaż-żieda fid-dejn. Aktar dejn kien irreġistrat ukoll fil-ħruġ tal-muniti tal-ewro f'isem it-Teżor (€4.9 miljuni). Fid-direzzjoni opposta, kien hemm tnaqqis fil-Kambjali tat-Teżor (€463.1 miljun) u fl-iStokk 62+ ta' Tifdil tal-Gvern ta' Malta (€23.7 miljun). Finalment, investimenti akbar minn fondi tal-gvern fl-Istokks tal-Gvern ta' Malta wasslu għal tnaqqis ta' €28.2 miljun fid-dejn (Tabella nru 6)

## Ċart nru 1. Is-surplus/id-defiċit fil-Fond Konsolidat: Jannar-Settembru

f'miljuni tal-ewro




## Ċart nru 2. Id-dħul rikorrenti maqsum bil-kategoriji ewlenin

Jannar-Settembru 2023




## Ċart nru 3. In-nefqa maqsuma bil-kategoriji ewlenin

Jannar-Settembru 2023

